Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,931, 4 ta' April, 2000
Taqsima B

A.L. 55 ta' l-2000

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ordinamenti tas-sena 2000 għall-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil. - fil-European Documentation and Research Centre

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-European Documentation and Research Centre bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu l-Ordinamenti tas-sena 2000 għall-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil. - fil-European Documentation and Research Centre.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-European Documentation and Research Centre; u

"iċ-Ċentru" tfisser il-European Documentation and Research Centre.

Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Lulju 1993 'il quddiem.

Eliġibbilita' għad-Dħul

3. L-applikazzjonijiet huma miftuħa għall-kandidati li ggradwaw bil-European Studies bħala qasam ewlieni ta' studju, normalment bl-Unuri, u li ġew ikklassifikati fl-ogħla nofs tal-klassifikazzjoni fl-eżamijiet finali ta' din l-Universita' jew ta' universita' oħra rikonoxxuta għal dan il-għan mis-Senat.

4. Il-kandidati li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti speċifikati fl-ordinament 3, jistgħu, f'każijiet speċjali, japplikaw lill-Bord għall-permess biex jirreġistraw. Dawn l-applikazzjonijiet għandhom jinkludu evidenza ta' profiċjenza u rakkomandazzjoni minn membru ta' l-istaff akkademiku li jaqbel li jaġixxi bħala superviżur. Il-Bord jista' jitlob rekwiżitti addizzjonali, li jistgħu jinkludu li wieħed jagħmel eżami jew eżamijiet ta' kwalifikazzjoni.

5. L-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni għandhom jinkludu t-titlu tad-dissertazzjoni proposta u sunt qasir tagħha.

Format u Preżentazzjoni

6. Sakemm ma jkunx speċifikat xort'oħra mill-Bord, id-dissertazzjoni normalment m'għandhiex tkun ta' aktar minn 50,000 kelma.

7. L-istudenti huma meħtieġa jissottomettu tliet kopji tad-dissertazzjoni għall-eżami li għandhom ikunu llegati adegwatament. Fi żmien xahar minn mindu jgħaddu mill-eżami tad-dissertazzjoni, l-istudenti għandhom jissottomettu żewġ kopji tad-dissertazzjoni, li waħda minnhom għandha tkun depożitata fil-Librerija ta' l-Universita' u l-oħra fil-librerija taċ-Ċentru, illegati kif ġej:

bid-drapp (jekk jista' jkun iswed) b'qoxra iebsa u bil-karti tat-tarf ta' kwalita' tajba; b'ittri (jekk jista' jkun bid-deheb) fuq il-qoxra u d-dahar li juru:

(a) l-isem ta' l-istudent;
(b) l-isem jew l-isem fil-qosor tad-dissertazzjoni;
(ċ) il-grad li għalih id-dissertazzjoni qed tkun sottomessa; u
(d) is-sena meta tiġi sottomessa.

Mapep, disinji, *graphs,* materjal stampat, eċċ. għandhom ikunu llegati mad-dissertazzjoni, iżda jekk dan ma jkunx possibbli, għandhom ikunu ppreżentati għalihom f'*folders* jew f'volumi speċjali u nnumerati.

8. It-test għandu jkun ittajpjat fuq karti A4, fuq naħa waħda biss, bi spazju doppju u b'marġni ta' 40 mm fuq ix-xellug u mill-anqas 20 mm minn naħa ta' fuq, t'isfel u tal-lemin.